MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2010

Numru 759/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Pierre Micallef Grimaud)**
**vs**
**Philip Pace**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Philip Pace** ta’ 46 sena, bin il-mejjet Vincent u Margaret nee’ Grima, mwieled Pieta fl-10 t’Ottubru, 1959, residenti numru 87, Triq Santa Skolastika il-Birgu u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 676859(M);

Talli fit-2 t’Awissu, 2006, ghall-habta tat-8.30pm, fi Triq il-Marsamxett il-Belt Valletta, dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car u cioe dik ta’ Rose-Marie Pace, liema delitt ma kienx gie esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta’ tal-hati;

Ukoll talli fl-istess jum, hin u cirkostanzi, dolozament bil-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe’ offiza ta’ natura gravissima fuq il-persuna ta’ Gioacchino Pace;

Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAB-527 ta’ ghamla Opel Kadett, b’giri aktar milli jmiss, bi traskuragni u b’manjiera perikoluza u ghaldaqstant . Il-prosekuzzjoni titlob li l-imsemmi Philip Pace jigi skwalifikat mill-licenziji kollha tieghu tas-sewqan ghall-perjodu ta’ mhux inqas minn tnax-il xahar.

Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b’mod iehor.

Rat ir-rinviju tal-avukat generali tat-3 ta’ April 2009 li permezz tieghu baghat lill-imputat sabiex ikun gudikat minn din il-Qorti bi ksur tal-artikoli 41(1)(a), 218, 216, 338(m), 533 Kapitolu 9 u 15(1)(a)(2)(3) Kapitolu 65;

Rat illi l-imputat ma kellu ebda oggezzjoni sabiex il-kaz tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja minn din il-Qorti;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz jirrisalu ghat-2 t’Awissu 2006 fejn Giacchino Pace, hu l-imputat, kien sofra ksur fl-ghaksa tar-rigel tal-lemin u diversi tbengil u l-vettura misjuqa mil-imputat sofriet hsarat konsistenti fi ksur tal-*windscreen* u xi daqqiet zghar fuqha. Ghal dawn ir-rizultanzi Giacchino Pace jallega li kien ittajjar minn huh f’attentat fuq hajtu u fuq martu Rose Mary Pace filwaqt li l-imputat jallega li kien huh li intefa fuq il-vettura waqt li kien qed isuq u kissirlu l-*windscreen*.

In retroxena jemergu is-segwenti fatti. Rose Mary Pace kienet, ghal zmien twil, toqghod mal-imputat u matul dawn iz-zmien kellha seba ulied lkoll tal-imputat. Din ir-relazzjoni spiccat u Rose Mary Pace marret toqghod ma' hu l-imputat Giacchino, dawn izzewgu u ulieda lkoll marru jirrisjedu maghha b'mod li l-imputat ma kienx jinghata l-oppportunita' li jara lill-uliedu. Mill-provi akkwiziti jirrizulta pacifiku illi l-imputat kien sab mezz biex almenu jara tlieta mit-tfal tieghu billi jistennihom hergin mill-MUZEW dak li ghamel proprju fid-data tal-allegat rejat. Peress illi is-superjuri kien iwassalhom hu d-dar, dakinhar l-imputat mar fuq is-superjur u qallu li kien ser iwassal it-tfal huwa stess u hekk fil-fatt ghamel wara li xtralhom xi helu minn hanut vicin. Meta rritornaw id-dar, it-tfal infurmaw lill-ommhom li missierhom kien qal lill-ghalliem li hu kien missierhom u mhux dak li kien ma ommhom. Waqt li ghamel dan, missierhom kien uza terminologija baxxa biex iddeskrifa lil huh u ta' dan ommhom hadet eccezzjoni u minnufih maret tkellem lill-imputat li hadet maghha lill-zewgha, hu l-imputat u dan ghaliex, skond hi, kull meta kellhom xi jghidu kien jerfa' idejh fuqha u anke jnezzahha gharwiena fil-pubbliku;

Il-kwerelanti f'din il-kawza ghalhekk huma tnejn, Giacchino u Rose Mary Pace. Giacchino Pace jghid li meta martu marret tkellem lill-imputat, waqt li kien fil-vettura tieghu kellimha hazin u offendiha u kienet taghtu daqqa fuq halqu u b'reazzjoni ta' dan, Giacchino Pace ukoll tah daqqa f'wiccu u l-imputat irriversja l-vettura u telaq u hasbu li kien telaq lejn id-dar izda fil-pront rawh gej lura. Hawnhekk l-kwerelant spjega li hu kien flimkien ma Rose Mary Pace u ma ibnu proprju Matthew u malli ra lill-imputat gej bi speed qawwi jew, kif jiddiskrivi dan ix-xhud "gas down" (fol 41), imbotta lill-martu u lill-ibnu biex ma jintlaqtux izda hu intlaqat mill-vettura li ghollietu gholi ta' sular, skond kif qalulu n-nies, u spicca fil-windscreen tal-vettura. L-imputat baqa' sejjer minghajr ma waqaf;

Rose Mary Pace tiddiskrivi l-incident bl-istess mod u tikkonferma l-presenza ukoll ta' iben zewgha, Matthew u kif dan kien imbottat minn missieru biex jevita l-incident.

Iz-zewg xhieda sahqu li kienu qeghdin fit-triq kwazi fuq il-bankina.

L-imputat ghazel li jixhed u ikkonferma l-istqarrija tieghu li rrilaxxja lill-pulizija ftit wara l-incident esebita a fol. 24 sa 26 tal-process u ghalhekk il-Qorti ser taghmel referenza ghall-istess. Il-verzjoni tal-imputat f'din l-istqarrija taqbel mal-fatti kif akkwiziti sa issa bid-differenza li l-imputat jghid li iz-zewg kwerelanti u t-tifel ta' huh lkoll qabdu jtuh u kien f'dak il-hin li saq 'l hinn flimkien mal-habib tieghu u ftit wara li beda jsuq dahal go sigra ghaliex iben huh beda jdawwarrlu l-isteering u lkoll pruvaw jisirqulu c-cwievet mill-karozza. Dan id-dettall hu pjuttost inveritier ghaliex sia mir-ritratti esebiti a fol 23 kif ukoll mix-xhieda tal-passiggier habib tieghu Joseph Debono ma hemm l-ebda evidenza dwar xi habta ma' sigra. L-imputat li ghall-ewwel kien dirett lejn il-Baviera izda meta dawwar ra biss lil huh itir ghal fuq il-vettura tieghu u jichad li tajjru intenzjonalment izda kien huh li volontarjament tar ghal fuq il-karozza. Jezistu ghalhekk punti ta' divergenza pjottost serji fil-verzjonijiet tal-partijiet. Jibda biex jinghad illi bin il-kwerelant Giacchino Pace, Matthew Pace, cahad li qatt kien fuq ix-xena hlief ghal meta kien infurmat li kien wegga missieru u kien hemm biss li mar fuq il-post. Rejalment dan ix-xhud l-ewwel jghid li it-tfal tal-imputat kienu infurmawh li kien wegga missieru izda f'affari ta' minuti biddel il-verzjoni u qal li l-kugini kienu infurmawh li missieru kien qed ikellem lil missierhom u f'dak il-hin mar jara x'qed jigri u meta wasal fuq il-post sab lill-missieru mal-art. Ix-xhud Joseph Debono, li din il-Qorti tqis bhala xhud indipendenti u minghajr interess qatt ma semma lil bin il-kwerelant anzi in kontro-ezami qal: "Ma nafx li kien hemm Matthew ta jien, ma nafx, jiena li taghtu d-daqqa Rose naf u li kienu mbaghad marru n-naha l-ohra, gew in-naha 'l ohra tat-triq.". Dan l-incident sehh bejn it-tmienja u tmienja u nofs ta' filghaxija fit-2 t'Awissu u ghalhekk kien ghadu d-dawl. Dan qed jinghad ghaliex minkejja li dan ix-xhud jaqbel li l-fatt li l-imputat rega dar lura kienet pjuttost haga zejda: "Dak il-hin kif dorna … hassejt daqqa gol-hgiega u xi haga tinbezaq minn mal-hgiega" (fol 142). Dan il-punt kien mistoqsi diversi drabi lil dan ix-xhud li kien hu li kkonvinca lill-imputat immedjatament biex imur

jaghmel rapport fid-Depot tal-Pulizija.  Kien zvelt bizzejjed biex jikkonvincieh ma jmurx l-ghassa tal-Belt ghaliex kien zgur li hutu l-ohra kienu ser jaslu hemm qablu u jizdied l-inkwiet.  Dan ix-xhud huwa zgur li meta l-imputat dawwar l-vettura ma ra lil-hadd fit-triq u f'dan l-istadju, l-Qorti tistaqsi kif Rose Mary Pace u bin l-kwerelant, jekk kien verament fuq il-post, ma sofrew l-ebda griehi anke jekk ta' natura minima meta kienu imbuttati mill-kwerelant biex jevitalhom li jkunu mtajjra mill-imputat.  Il-Qorti innutat ukoll l-istatura tal-kwerelant li zgur mhix wahda twila anzi pjuttost qasira u ma tistax hlief tistaqsi kif dan kiser l-ghaksa ta' saqajh u ma kellu l-ebda ksur iehor minn hemm 'l fuq.  Jekk persuna ta' dik l-istatura tintlaqat minn vettura, l-ewwel griehi ma jistghux ma jkunux evidenti, fil-kaz tieghu, f'koxtejn jew genbejgh, sakemm, kif qal l-imputat, dan ma tarx hu ghal fuq il-karozza u fil-process laqat l-ghaksa li kkawza sia ksur kif ukoll it-tghatina zghira fuq quddiem tal-vettura.  Ix-xhud Joseph Debono qal ukoll l-kwerelanti "ghamlu attentat qishom biex jigru wara l-karozza" (fol 141), haga din li ghandha ukoll tittiehed in konsiderazzjoni mal-fatt illi l-kwerelanti jghidu li dak il-hin kienu fit-triq ftit metri boghod mill-bankina u ghalhekk din id-dikjarazzjoni ta' Debono hija ukoll plawsibbl;

F'dan l-incident  l-imputat ghamel U-turn li wasslitu fl-edificju tal-Qorti.  Izda jirrizultaw ukoll illi l-kwerelant hafer lill-imputat fil-mori tal-kawza, haga din li tista' tittiehed inkosiderazzjoni mill-Qorti fir-rigward tal-piena.  Jirrizulta ukoll illi l-artikoli tal-avukat generali mhumiex dwar attentat ta' omicidju izda dwar attentat ta' griehi gravi u b'dan il-Qorti tifhem li l-avukat generali ma kienx konvint li kienu jezistu l-elementi kollha rikjesti biex l-imputat iwiegeb ghal dan id-delitt.  Din il-Qorti, mill-provi akkwiziti, ukoll mhix konvinta li l-imputat ghandu jinstab hati ta' attentat ta' offizi gravi u dan ghaliex qed tistrieh fuq ix-xhieda ta' Joseph Debono fejn fil-punt krucjali tad-deposizzjonin tieghu jghid kategorikament illi dan l-incident sehh appena l-imputat kien qed jesegwixxi l-manuvra li jdawwar il-vettura tieghu.  Dan kien gia beda jsuq lejn direzzjoni ohra u ghalhekk l-kwerelanti iridu iwiegbu ghaliex kienu daqstant vicin il-vettura b'mod li appena kien kwazi ezegwixxa l-manuvra lanqas biss kienu vizzibbli lill-

passiggier xhud f'din il-kawza.  Dan ix-xhud jghid illi meta l-imputat ried idur lura haseb li dan ried jghaddi mit-triq li soltu jiehdu biex imorru d-dar ghaliex il-laqgha taghhom hemm kienet saret rutina u ghalhekk hija plawsibbli l-verzjoni tal-imputat li kien il-kwerelant li qabez ghal fuq il-vettura biex izomm lill-imputat milli jipprocedi, l-istess persuna li hassa offiza meta l-imputat offendieh b'ibnu mejjet. Daqstant iehor mhix verosimili l-verzjoni tal-kwerelant li meta milqut mill-imputat ittajjar mghola sular jew sular u nofs u gie fuq il-windscreen tal-vettura. Verzjoni din li fl-ewwel lok l-kwerelant stqarr li qalulu biha n-nies ghaliex hu intilef minn sensieh mal-ewwel impatt u fit-tieni lok li hadd minn dawn in-nies ma gew jikkorroboraw dan id-dettall tant importanti ghaliex b'hekk kien ikun pruvat li l-imputat saq bi speed qawwi fid-direzzjoni tal-kwerelanti.  Haga din li l-anqas il-griehi rizultanti ma jissostanzjawha.  Dan ukoll ma jirrifletti bl-ebda mod fuq is-sewqan tal-imputat bi ksur tal-artikolu 15 tal-Kap 65.

Huma ghal dawn il-motivi li l-Qorti mhix qed issib lill-imputat hati u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------